A.L. 281 ta' l-2009

ATT DWAR L-EDUKAZZJONI
(KAP. 327)

Ir-Regolamenti tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws – LL.D.

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 74 (5) u 75 (6) tal-Att dwar l-Edukazzjoni (Kap. 327), il-Kanċillier tal-Università ta' Malta ppromulga dawn ir-regolamenti magħmula mis-Senat tal-Università ta' Malta bis-saħħa tas-setgħat mogħtija lilu bl-artikoli 75 u 79 ta' dak l-Att:

It-Titolu

1. Dawn ir-regolamenti jistgħu jissejħu bħala r-Regolamenti tal-2009 biex jemendaw ir-Regolamenti tal-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws – LL.D. – u għandhom jinqraw u jinftiehmu bħala ħaġa waħda mar-Regolamenti tal-1997 tal-Kors għall-Grad ta' Doctor of Laws – LL.D., ppubblikati bħala Avviż Legali 9 tal-1997, li minn hawn 'il quddiem jissejħu "ir-regolamenti prinċipali".

L-Applikabilità

2. Dawn ir-regolamenti għandhom japplikaw mill-1 ta' Ottubru, 2009.

L-emenda għar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali

3. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Ir-Rekwiżiti Speċjali għal-Kors**

4. (1) Biex kandidat jirreġistra għall-Kors jeħtieġ li, barra li jissodisfa l-kundizzjonijiet kif imniżżla fir-Regolamenti għad-Dħul tal-Università, jissodisfa dawn ir-Rekwiżiti Speċjali għall-Kors:

(a) ikun kiseb il-grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies mill-anqas fil-Kategorija IIB jew il-grad ta' Bachelor of Laws mill-anqas fit-Tieni Klassi bl-Unuri;

(b) (i) għall-korsijiet li bdew qabel u f'Ottubru 2010, ikun kiseb mill-anqas marka medja ta' 53% fit-taqsimiet studju assenjati għall-programm ta' studji

obbligatorju fil-Liġi bħala qasam ta' studju ewlieni fil-kors għall-Bachelor of Laws; jew fil-każ ta' studenti li ngħataw il-grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies jekk ikunu kisbu mill-anqas 54 kredtu UoM /108 kredtu ECTS fil-qasam ta' studju ewlieni tal-Liġi u għaddew mill-Eżamijiet Finali f'dan il-qasam ta' studju b'medja ta' mill-anqas Grad Ċ,
sakemm li l-eżamijiet u l-kredti għat-taqsimiet studju fil-qasam ewlieni tal-Liġi għandhom ikunu dawk indikati mill-Bord bħala meħtieġa biex student ikompli għall-kors tal-LL.D., u
sakemm ukoll li l-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà għandu xorta jħalli student li jipproċedi għall-kors tal-LL.D. jekk ikun kiseb marka globali ta' 52% fil-programm ta' studji obbligatorju fil-Liġi bħala qasam ta' studju ewlieni fil-kors għall-Bachelor of Laws, jekk l-istudent ikun ġab marka globali ta' mill-anqas 53% f'kull waħda mit-tieni u t-tielet sena tal-kors imsemmi fis-sottoparagrafu (a) hawn fuq;
jew

(ii) għall-korsijiet li se jibdew minn Ottubru 2011 'il quddiem, ikun kiseb mill-anqas marka medja ta' 55% fit-taqsimiet studju assenjati għall-programm ta' studji obbligatorju fil-Liġi bħala qasam ta' studju ewlieni fil-kors għall-Bachelor of Laws; jew fil-każ ta' studenti li ngħataw il-grad ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies jekk ikunu kisbu mill-anqas 54 kredtu UoM /108 kredtu ECTS fil-qasam ta' studju ewlieni tal-Liġi u għaddew mill-Eżamijiet Finali f'dan il-qasam ta' studju b'medja ta' mill-anqas Grad Ċ,
sakemm li l-eżamijiet u l-kredti għat-taqsimiet studju fil-qasam ewlieni tal-liġi għandhom ikunu dawk indikati mill-Bord bħala meħtieġa biex student ikompli għall-kors tal-LL.D., u
sakemm ukoll li l-Kumitat għad-Dħul tal-Fakultà għandu xorta jħalli student li jipproċedi għall-kors tal-LL.D. jekk ikun kiseb marka globali ta' 54% fil-programm ta' studji obbligatorju fil-Liġi bħala qasam ta' studju ewlieni fil-kors għall-Bachelor of Laws, jekk l-istudent ikun ġab marka globali ta' 55% f'kull waħda mit-tieni u t-tielet sena tal-kors imsemmi fis-sottoparagrafu (a) hawn fuq;

(ċ) ikun għadda fl-Ingliż u fil-Malti fil-Livell Intermedju jew ogħla,
sakemm li l-istudenti li kienu bdew l-istudji tagħhom għall-Eżami għaċ-Ċertifikat tal-Matrikola f'Ottubru 2001 ma jkunux meħtieġa jkollhom dawn il-kwalifiki; u

sakemm li ċittadini mhux Maltin jistgħu joffru l-lingwa tagħhom stess minflok il-Malti, u

sakemm ukoll li studenti maturi li ma jkollomx ċertifikati f'dawn is-suġġetti għandhom ikunu eżentati minn dan ir-rekwiżit jekk dawn kienu diġà eżentati minn rekwiżiti speċjali tal-kors li jixxibħu mad-dħul fil-kors tal-Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies jew fil-kors tal-Bachelor of Laws."

4. Minflok il-paragrafu (4) tar-regolament 4 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(4) Il-kandidati li jkollhom il-gradi ta' Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies jew ta' Bachelor of Laws iżda li ma jkollhomx ir-rekwiżiti neċessarji biex jirregistraw għall-Kors skont is-sotto-paragrafi (a) u (b) tal-paragrafu

(1) ta' dan ir-regolament, kif ukoll kandidati li jkollhom grad ieħor fil-liġi barra mill-Bachelor of Arts in Legal and Humanistic Studies u mill-Bachelor of Laws li jkun ikkunsidrat mill-Bord bħala ta' livell ekwivalenti, jistgħu jitħallew mill-Bord jirreġistraw għal sena ta' studji ta' kwalifika magħmula minn suġġetti tal-Liġi kif determinat mill-Bord. Dawn il-kandidati jsiru eliġibbli biex jidħlu fil-Kors li jwassal għall-Grad jekk jiksbu marka medja ta' 53% jew fil-każ ta' kandidati li se jibdew il-kors ta' Doctor of Laws minn Ottubru 2011 'l quddiem jekk jiksbu marka medja ta' 55% fil-programm ta' studji."

L-emenda għar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali

5. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**L-Istruttura tal-Kors**

5. (1) Il-Kors għandu jinfirex fuq tliet snin, u għandu jinqasam f'żewġ partijiet: L-Ewwel Parti u t-Tieni Parti."

6. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 5 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Il-Bord għandu jippubblika l-programm ta' studji għall-Kors li għandu jkun fih skeda ta' taqsimiet studju u l-kredti assenjati lil kull waħda wara l-approvazzjoni tas-Senat. Il-Bord jista' jemenda dan il-programm ta' studji minn żmien għall-żmien kif jifhem li għandu jsir, bil-kundizzjoni li dan isir qabel il-bidu tas-sena akkademika u wara l-approvazzjoni tas-Senat."

L-emenda għar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali

7. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**L-Ewwel Parti tal-Kors**

6. (1) L-Ewwel Parti għandha tinfirex fuq l-ewwel erba' semestri tal-Kors. Biex itemm l-Ewwel Parti tal-Kors b'suċċess, kandidat irid jikseb minimu ta' 110 kredti (inkluż il-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji kollha), li minnhom mill-anqas 54 kredtu (inkluż il-kredti għat-taqsimiet studju obbligatorji) jkunu ttieħdu fl-ewwel żewġ semestri."

8. Minflok il-paragrafu (2) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(2) Kandidat li ma jiksibx in-numru minimu ta' kredti fl-ewwel żewġ semestri ma jitħalliex ikompli għas-semestru li jmiss."

9. Il-paragrafu (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

10. Il-paragrafu (4) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jiġi nnumerat mill-ġdid bħala l-paragrafu (3).

11. Minflok il-paragrafu (3) tar-regolament 6 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(3) Kandidat li ma jiksibx in-numru meħtieġ ta' kredti kif ukoll li ma jgħaddiex fit-taqsimiet studju obbligatorji kollha fl-Ewwel Parti tal-Kors ma jitħalliex ikompli għat-Tieni Parti tal-Kors, bla ħsara għad-dispożizzjonijiet tar-regolament 11."

L-emenda għar-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali

12. Minflok ir-regolament 7 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**It-Tieni Parti**

7. It-Tieni Parti tikkonsisti minn taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn 20 kredtu jkunu assenjati, flimkien mas-sottomissjoni ta' teżi li għaliha 40 kredtu jkunu assenjati u eżami orali finali fuq is-suġġett tagħha,
l-ebda kandidat ma jitħalla jissottometti t-teżi tiegħu lill-Bord qabel ma jkun għadda fit-taqsimiet studju obbligatorji kollha mgħallma fl-Ewwel Parti tal-Kors; u
sakemm li jekk student jikseb aktar minn 110 kredti ECTS fl-Ewwel Parti tal-Kors, jista' jittrasferixxi l-kredti żejda li kiseb fl-Ewwel Parti għat-Tieni Parti tal-Kors biex jgħaddu għat-taqsimiet studju li għalihom mhux anqas minn 20 kredtu jkunu assenjati f'din il-parti. It-taqsimiet obbligatorji indikati fit-Tieni Parti tal-Kors għandhom jittieħdu mill-istudent indipendentement minn-numru ta' kredti miksuba bħala riżultat tat-tali trasferiment."

L-emenda għar-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali

13. Minflok ir-regolament 8 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Progress**

8. (1) Il-marki/gradi għandhom jingħataw skont ir-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' Wara u sal-Ewwel Grad, kif applikabbli.

(2) Kandidat li ma jirnexxilux jikseb kredtu għal taqsima studju għandu jitħalla jirreferiha għas-sena ta' studju ta' wara jew għal sena addizzjonali ta' studju jekk it-taqsima tkun tal-aħħar sena."

It-Tħassir tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

14. Ir-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.

15. Ir-regolamenti 10, 11 u 12 tar-regolamenti prinċipali għandhom jiġu nnumerati mill-ġdid bħala r-regolamenti 9, 10 u 11.

L-emenda għar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali

16. Minflok il-paragrafu (8) tar-regolament 9 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"(8) Il-Bord tal-Eżaminaturi għandu, fi żmien tali kif jista' jkun iddeterminat mill-Bord, jissottometti rapport lill-Bord dwar il-merti tat-teżi u dwar jekk din tissodisfax ir-rekwiżiti tal-paragrafu (5) ta' dan ir-regolament u għandu wkoll jipproċedi biex jagħti marka u grad lit-teżi skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolamenti Ġenerali għar-Rikonoxximenti Universitarji ta' wara l-Ewwel Grad."

L-emenda għar-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali

17. Minflok ir-regolament 10 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Diploma ta' Nutar Pubbliku (N.P.)**

10. Kandidati li, skont dawn ir-regolamenti, matul l-ewwel żewġ semestri tal-Ewwel Parti tal-Kors jiksbu l-għadd minimu ta' kredti msemmija fir-regolament 6(1) u jgħaddu fit-taqsimiet studju obbligatorji kollha jkunu intitolati għal-għoti tad-Diploma ta' Nutar Pubbliku."

L-emenda għar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali

18. Minflok il-paragrafu (1) tar-regolament 11 tar-regolamenti prinċipali għandu jidħol dan li ġej:

"**Dħul mill-Ġdid fil-Kors**

11. (1) Kandidat li interrompa l-kors ta' studji tiegħu u/jew ma kisibx l-għadd ta' kredti meħtieġa, u/jew weħel fit-taqsimiet studju obbligatorji kollha fl-Ewwel Parti tal-Kors, jista' jitħalla mill-Bord jerġa' jidħol jew ikompli l-Kors f'dik is-sena li l-Bord jidhirlu xieraq, u meta jagħmel hekk il-Bord jista' jesiġi li dan il-kandidat jgħaddi minn dawn it-taqsimiet studju kif jidhirlu li hu meħtieġ."

It-Tħassir tar-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali

19. Ir-regolament 12 tar-regolamenti prinċipali għandu jitħassar.